MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 1/2003

Joseph Zammit .

vs

Gatt Developments Co.Ltd .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex tigi kkundannata minn din il-Qorti sabiex thallas lil attur is-somma ta' elfejn u tmien mitt liri Maltin (Lm2800) dovuti lilu bhala bilanc ta' hlas ghal trakk tal-marka AEC numru tar-registrazzjoni DBC 542, mibjugh skond skrittura tat-2 ta' Marzu, 2001 (Dok. A) .

Bl-imghaxijiet mit-2 ta' Ottubru 2002 (skond l-iskrittura) sad-data tal-hlas effettiv .

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju fl-istess ismijiet u ta’ l-ittri interpellatorji tal-4 ta’ Ottubru, 2002, 4 ta’ Novembru 2002, u dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Dicembru 2002 . Bl-ingunzjoni tas-socjeta’ konvenuta ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Gatt Development Co. Ltd. li eccepiet illi :

1. Illi preliminarjament is-socjeta’ konvenuta kif mnizzla fl-avviz odjern ma tezistix u lanqas ma ffirmat ebda skrittura privata datata 2 ta’ Marzu, 2001 mal-attur u ghalhekk ma hijiex debitrici ghas-somma pretiza mill-attur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mill-attur mhuwiex korrett u dan ghaliex l-esponenti kienet diga’ ghamlet pagament ta’ elfejn lira maltin (Lm2000) fid-9 ta’ Ottubru 2002 permezz ta’ “Bank Draft” u dan skond istruzzjonijiet tal-istess attur u ghalhekk d-dekorrenza tal-imghax jekk huwa dovut ma ghandux jiddekorri mid-data indikata fl-avviz tal-attur ;

3. Illi fit-tielet lok l-esponenti ma hallasx il-bilanc dovut ta’ tmien mitt lira maltin (Lm800) peress li l-attur naqas mill-obbligu tieghu skond l-iskrittura datata 2 ta’ Marzu 2001 li johrog invoice kif kien obbligat li jaghmel kif ukoll peress li rrizulta li t-trakk ma kienx f’dik il-kundizzjoni li ggarantixxa l-attur fl-imsemmija skrittura u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza ;

4. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat il-verbal taghha ta' l-14 ta' Novembru 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din l-eccezzjoni s-socjeta' Gatt Development Limited qed tippretendi li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghax is-socjeta' konvenuta kif imnizzla f'dan l-Avviz ma tezistix u anqas qatt iffirmat xi skrittura privata ma' l-attur . Dan gie anke kkonfermat bid-dokumenti esebiti[1] . Madankollu r-rappprezentanti tas-socjeta' Gatt Development Limited li dehru sabiex jikkontestaw din il-kawza ma regghux qajmu din l-eccezzjoni in *limine litis*, kif suppost li jsir fi kwistjonijiet simili, u ppermettew lill-attur iressaq il-provi tieghu[2] . Kien biss fit-tielet udjenza,[3] u wara li l-attur talab korrezzjoni fl-isem tas-socjeta' konvenuta, li kien hemm oppozizzjoni u ntalbet sentenza fuq din l-eccezzjoni preliminari .

Imma kif gie ribadit mill-Qrati taghna : "***Eccezzjonijiet preliminari li jolqtu l-gudizzju u mhux il-mertu ghandhom dejjem jinghataw u jigu ttrattati fl-ewwel lok . Fin-nuqqas tali eccezzjonijiet jitqiesu rinunzjati ghaliex hu kontrasens legali li jkun hemm il-possibilita' li eccezzjonijiet simili jinghataw wara li l-kawza tigi ttrattata fil-mertu***." [4]
Di piu', anke kieku kellu jigi njorat dan il-fatt, l-eccezzjoni prezenti xorta wahda ma tistghax tregi . Dan ghaliex fil-kaz in ezami din l-eccezzjoni qed issir proprju ghax fl-isem tas-socjeta' konvenuta tnizzlet il-kelma "Developments" fil-plural minflok "Development" fis-sigular, u kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali f'kaz simili, fejn kien qed jigi diskuss sa fejn il-Qorti tista' tordna korrezzjonijiet fl-atti a tenur tal-art. 175 tal-Kap. 12 :

"***Huwa ovvju li din il-limitazzjoni ma tapplikax meta l-eccezzjoni tkun proprju tindika l-izball li jigi korrett - sakemm dik il-bidla ma tbiddilx is-sustanza ta' l-azzjoni . Dan huwa ovvju ghaliex m'huwiex***

---

[1] Ara ittra tal-11.12.03 tal-MFSA fejn gie dikjarat illi m'hemm l-ebda socjeta' bl-isem "Gatt Developmnets Limited" registrata maghha; u l-iskrittura "Dok. A" tat-2.3.01 a fol. 4 tal-process .
[2] udjenzi tal-25.3.03 u 17.6.03 . .
[3] dik tal-14.11.03 .
[4] Edwin Mirabelli noe v. Silvio Mifsud et noe : Kummerc : 9.4.1992 ; kollez. LXXVI. iv. 652 .

***guridikament konformi illi bidla tista' ssir jekk ma ssirx eccezzjoni, imma ma tistax isir jekk tinghata l-eccezzjoni . Il-qofol qieghed fil-precisazzjoni li timporta l-kelma 'fis-sustanza' . Din tindika li kull bidla li ssir trid tkun bidla ta' xi dettal ta' xi haga marginali, incidentali, imma mhux materja ta' sustanza jew li teffetwa s-sustanza." [5]***

Huwa minnu illi din is-sentenza inghatat qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi ghal-ligijiet tal-procedura tal-1995 li laqtu anke l-art. 175 tal-Kap. 12 . Imma dawn l-emendi ma jidhirx illi effettwaw il-pozizzjoni kif giet hawn spjegata mil-Qorti ta' l-Appell . Anzi jekk xejn aktar saret izjed enfasi fuq il-fatt illi l-korrezzjoni mitluba m'ghandhiex teffetwa "**fis-sustanza l-azzjoni** u **l-eccezzonijiet fuq il-mertu tal-kawza**."[6]

Fil-kaz taghna, ma tistax taqbel mal-kontensjoni tas-socjeta' Gatt Development Limited illi dan l-izball fl-isem tas-socjeta' jolqot l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza . Anzi jidher evidentement bhala *lapus* ta' min kien qed jikteb l-Avviz, ghax anke mill-istess skrittura li fuqha l-attur qed jibbaza din l-azzjoni, jirrizulta illi isem is-socjeta' konvenuta huwa "Gatt Development" u mhux "Gatt Developments" .
Ma tista' ssofri ebda pregudizzju s-socjeta' konvenuta bil-korrezzjoni kif mitluba . Infatti n-notifika ta' dan l-Avviz sar lilha stess fl-indirizz ufficcjali taghha u permezz tar-rapprezentanti taghha setghet twiegeb liberament ghat-talba attrici u tiddefendi ruhha fuq il-mertu, minghajr ebda xkiel kagunat bl-isem zbaljat indikat fuq l-istess Avviz .

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tichad din l-eccezzjoni preliminari, tordna l-korrezzjoni fl-Avviz prezenti fis-sens illi l-isem tas-socjeta' konvenuta jigi jaqra "Gatt Development Co. Ltd." minflok "Gatt Developments Co. Ltd." kif erronjament indikat fl-Avviz, u n-notifika mill-gdid ta' l-Avviz kif hekk ikkoregut lis-socjeta' konvenuta .

---

[5] Elizabeth Anne Calbrese vs Ersilia Bigeni ; Appell Kumm. 12.12.1994 . vol. LXXVIII. ii. 256 .
[6] art. 175(1) tal-kap. 12 .

L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali . S103Pcsip

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------